**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Clive Parnis**

Numru: 1069/2009

Illum erbgha (4) ta' Dicembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Clive Parnis** ta' sittax (16) il-sena, iben Victor u Rose neé Camilleri, imwieled Pietà, nhar il-25 ta' Settembru 1993, u joqghod 'Perla', Triq San Pawl, Naxxar, detentur bil-Karta tal-Identita' bin-Numru 457693(M)

akkuzat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2009, f'xi hin bejn 16.30hrs u 17.45hrs, gewwa Rovic Ironmongery, u fi Triq Vjal ir-Rihan, San Gwann, u gewwa l-*lock-up* tal-Pulizija, Floriana jew fil-vicinanzi:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra l-iSpettur Bernard Spiteri, PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud, PC 52 Emaniel Agius, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' dik l-ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni tal-iSpettur Bernard Charles Spiteri, PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud, PC 52 Emaniel Agius, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud, u PC 446 Joseph Mifsud, hekk kif iccertifika Dr. Martin Flores MD mill-Floriana Health Centre;

4. volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-iSpettur Bernard Charles Spiteri, PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud, PC 52 Emaniel Agius, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li

b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. qal kliem oxxen fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xierqa, tipprovdi ghas-sigurta' tal-ufficjali tal-Pulizija nvoluti f'dan il-kaz sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 11).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 118 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2016 (*a fol.* 125 u 126), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet iz-zewg xhieda prodotti mid-difiza (*a fol.* 128 *et seq.* u *a fol.* 136 *et seq.*).

Rat id-Digriet taghha moghti fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 (*a fol.* 201) fir-rigward tar-Rikors tal-imputatipprezentat fil-15 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 151 *et seq.*).

Rat in-Nota tad-difiza pprezentata fid-9 ta' Mejju 2018 u d-dokumenti annessi maghha (*a fol.* 204 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 277), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fil-11 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 278 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-17 ta' Lulju 2018 (*a fol.* 283 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2010, xehed **Dr. Brian Flores Martin** (*a fol.* 12 *et seq.*) fejn spjega li kien ezamina lill-ufficjali tal-Pulizija Joseph Mifsud, Robert Said Sarreo u Brian Mifsud fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana fejn rrizulta li sofrew griehi ta' natura hafifa. Ezebixxa tliet (3) certifikati li gew immarkati bhala Dok. "BFM 1", "BFM 2", u "BFM 3" (*a fol.* 14 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2010, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tal-4.30pm l-ufficjali tal-Pulizija PS 1207, WPC 48 u PC 446 marru jezegwixxu mandat ta' arrest f'Rovic Ironmongery f'San Gwann fil-konfront ta' Rose Parnis, li tigi omm l-imputat, u li l-imsemmija Parnis bdiet tirrifjuta li thalli lill-Pulizija milli jezegwixxu l-mandat ta' arrest. Jixhed li fil-hanut kien hemm l-imputat u ohtu Glorianne Parnis. Jghid li mar fuq il-post flimkien ma' PS 157 u PC 52 u meta dahal fil-hanut flimkien ma' PS 1207 biex ikellmu lil Rose Parnis, l-imputat beda jimbuttahom (lilu u lil PS 1207) minn spallejhom u beda jghidilhom biex johorgu 'l barra u jhallu lil ommu bi kwieta. Jghid li peress li l-imputat beda jimbuttahom, l-imputat gie arrestat u mmanettjat u ttiehed fil-vettura tal-Pulizija fejn ittiehed fil-*lock-up* skortat minn PS 157, PC 446 u PS 1207. Jghid li fil-prezenza tal-iSpettur Trevor

Micallef ittiehdet stqarrija tal-imputat. Ezebixxa din l-istqarrija li giet immarkata bhala Dok. "CP" (*a fol.* 20 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' Frar 2012 (*a fol.* 74 *et seq.*), ikkonferma li l-Pulizija marru biex jezegwixxu mandat fil-konfront ta' omm l-imputat rigward kawza li kienet qed tinstema' quddiem il-Magistrat Meli. Ikkonferma li sussegwentement irrizulta li r-riferta li a bazi taghha kien inhareg il-mandat ta' arrest kienet hazina. Jikkonferma wkoll li meta mar huwa fuq il-post omm l-imputat kienet fuq gewwa nett tal-hanut, fejn ghandha ufficcju. Jghid li meta wasal fuq il-post ma kien hemm l-ebda glied. Jixhed: *"fil-fatt jiena dhalt hemm gew biex forsi nkellimha bil-kelma t-tajba u mbaghad inqalghu xi argumenti"* (*a fol.* 75). Ikkonferma li huwa dahal wara l-bank tal-hanut u li l-lavrant li kien hemm hallieh jidhol. Jghid li lehaq wasal sa hdejn l-ufficcju. Jikkonferma li meta qal lil Rose Parnis li kien hemm bzonn li tmur maghhom minhabba li kien hemm mandat mahrug mill-Magistrat Dr. Silvio Meli, Rose Parnis haditha bi kbira u li binha qal kliem fis-sens: *""halluha, tarrestawhiex ghax trid tkompli tahdem hawn hekk fil-hanut""* (*a fol.* 76). Jghid li omm l-imputat bdiet tirrifjuta li tmur maghhom u li l-imputat kien ecitat u *"beda jimbotta lili u jekk mhux sejjer zball lis-surgent ukoll. Imma lili beda jimbuttani zgur u dak il-hin arrestajnieh"* (*a fol.* 77). Jghid li l-imputat beda jimbuttah minn spalltu biex jersqu lura. Jispjega li sa dak il-hin ma kienu ghadhom ghamlu l-ebda tentattiv biex jarrestaw lil omm l-imputat. Jghid li l-imputat ittiehed id-*Depot* u mbaghad ittiehed l-Ghassa u li f'mumenti minnhom beda anke jikkalma lil ommu. Jikkonferma li l-imputat allega li x'hin kien niezel it-tarag tal-*lock-up* kien gie mbuttat it-tarag ghal isfel minn xi hadd mill-Pulizija.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2010, xehed **PS 1207 Robert Said Sarreo** (*a fol.* 24a *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' 4.30pm mar flimkien ma' PC 446 u WPC 48 fil-hanut bl-isem ta' Rovic Ironmongery Store jezegwixxi mandat ta' arrest fil-konfront ta' Rose Parnis. Jghid li l-imsemmija Parnis irrezistiet l-arrest. Jixhed li prezenti kien hemm ukoll bint Rose Parnis, li bdiet tghajjarhom (bint Parnis), u li ftit wara dahal it-tifel ta' Rose Parnis (cioé l-imputat) u meta ohtu qaltlu li kienu qed jippruvaw jarrestaw

lil ommhom, dan qalilhom li ma kienux ser jarrestawha u beda jkellimhom hazin. Jghid li ntalbet l-assistenza tant li ftit wara marru fuq il-post l-iSpettur Bernard Charles Spiteri, PS 157 u PC 52. Jghid li x'hin l-iSpettur beda jipprova jitkellem ma' Glorianne (oht l-imputat), hareg l-imputat mill-ufficcju u beda jimbotta kemm lill-iSpettur u kif ukoll lilu u beda jghidilhom biex jitilqu l-barra. Jghid li minkejja li ppruvaw jikkalmaw lill-imputat, l-imputat xorta baqa' jimbuttahom u marru biex jarrestawh. Jghid li l-imputat beda jirrezisti l-arrest, beda jxejjer idejh, beda jimbotta lill-Pulizija u ma hallihomx jaghmlu xogholhom u minkejja li beda jdawwar idu biex ma jhallihomx jimmanettjawh, wara ftit irnexxielhom jimmanettjawh u harguh barra fil-vettura tas-servizz. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi hadd minnhom li wegga', wiegeb: *"Iva kien hemm min wegga' imma mhux bid-daqqiet, ghax qala' xi daqqa ta' ponn, bl-istruggle"* (*a fol.* 25). Jghid li hu flimkien ma' PS 157 u PC 446 hadu lill-imputat l-*lock-up* id-*Depot* u li sakemm kienu sejrin, l-imputat beda jghajjarhom u joffendihom u jheddidhom pero' wara ftit ikkalma u waqaf u ma tkellimx aktar. Jghid li l-imputat nizel kalm mill-vettura u bdew mexjin lejn il-*lock-up* pero´ hekk kif waslet il-vettura l-ohra tas-servizz fejn fiha kien hemm omm l-imputat, f'liema hin bdiet tinstema' ommu tghajjat, l-imputat ried imur hdejn ommu u peress li huma hallewhx, rega' beda jirrezistihom. Jghid li sabiex dahhluh fil-*lock-up* kellhom jissaraw mieghu.

Jghid: *"X'hin wasalna fejn it-tarag tal-lock-up, hu beda jimbuttana, lili u lil PC 446. Imbotta lil PC 446 f'dahru wkoll u waqa' mal-art fejn it-tarag. Beda jghajjat li qed nippruvaw inwaddbuh it-tarag. Biex nippruvaw intellghuh hu beda jxejjer siequ, tant li laqat lil PC 446 f'wiccu. Komplejna nippruvaw nghinuh jitla' izda imbaghad ghinuna wkoll il-Pulizija tal-lock-up. X'hin tellghajnieh, x'hin poggejnieh bil-qeghda fejn il-lock-up, hu beda jghajjat lili u beda jghidli: "Issa npattihielek! Issa npattihielek lilek! Issa ngibek fuq il-gazzetta li waddabtni t-tarag!". Imbaghad l-istorja waqfet hemm. Ergajna hadnieh l-Ghassa San Giljan fejn imbaghad l-iSpettur hadlu statement"* (*a fol.* 26).

Jghid li meta gara dan l-incident fil-*lock-up*, kien hemm hu kif ukoll PC 446 u wara mar PS 157 u madwar tliet Pulizija tal-*lock-up*. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "RSS" (*a fol.* 28

*et seq.*). Jghid li wara li ttiehdet stqarrija lill-imputat, l-imputat baqa' sejjer l-iSptar u ezebixxa certifikat mediku tal-imputat, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. "RSS 1" (*a fol.* 32), liema certifikat jghid li juri x'tip ta' griehi jista' jkun sofra l-imputat bil-waqa' li waqgha.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 84 *et seq.*), ikkonferma li kemm l-imputat, ommu u ohtu bdew jghidulhom biex ma jarrestawx lil Rose Parnis peress li ma kienu jafu bl-ebda mandat. Ikkonferma li dak il-hin kellu mandat biex jarresta lil Rose Parnis. Jghid li l-imputat beda jxejjer idejh b'idejh maghluqin: jispecifika li kellu l-ponn maghluq. Jghid li kien qed jimbuttahom u jxejjer idejh b'mod aggressiv. Jghid li meta l-imputat ittiehed id-*Depot*, hu ma ra lil hadd jimbotta lill-imputat it-tarag. Jghid li l-imputat ma riedx jidhol il-*lock-up* u li bdew jippruvaw jigbduh biex jinzel il-*lock-up*, *"beda jaghti s-salt u jerga' jxejjer u waqajna fit-tarag, bdejna nippruvaw inqumu, hu ma riedx iqum anzi beda jipprova jzomm mal-art u jxejjer b'saqajh tant li laqat lil PC 446 hawnhekk [ma' nasu'] u ghamillu marka biz-zarbun"* (*a fol.* 86).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011, xehed **PS 157 Brian Mifsud** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tal-4.30pm, PS 1207 mar biex jezegwixxi mandat ta' arrest f'isem Rose Parnis gewwa hanut f'San Gwann. Jghid xi hin minnhom nizel l-iSpettur fejn qallu (lil PS 157) li kien ikkuntattjah PS 1207 li talbu l-assistenza. Jghid li mar fuq il-post flimkien mal-iSpettur Spiteri u PC 52 fejn sabu lill-kollegi taghhom fuq barra. Jghid li meta dahlu gewwa, f'hin minnhom hareg l-imputat (it-tifel ta' Rose Parnis) li beda jimbotta lill-iSpettur ghal fuq l-ixkafef u beda jxejjer il-ponnijiet fid-direzzjonijiet taghhom. Jispjega li PC 446 irnexxielu jahtaf lill-imputat minn wara pero' kien hemm xi kaxxi mal-art u waqghu fuq xulxin u l-imputat gie fuq PC 446. Jghid li tul dan il-hin kollu, l-imputat beda jinsulentahom u jheddidhom u li eventwalment irnexxielhom jimmanettjah u johorguh fil-vettura. Jghid li l-imputat beda jghidilhom li kien ser ipattiehilhom u ser iqattaghhom. Jispjega li hekk kif waslu l-Msida l-imputat ikkalma, pero' hekk kif waslet il-vettura b'ommu u ommu bdiet tinstema'

tghajjat, l-imputat rega' sar aggressiv u beda jirrifjuta li jidhol fil-*lock-up*.

Jixhed: *"Huma u nezlin hemm qisu 5 jew 6 targiet biex tinzel gol-lock-up, Clive Parnis prova jimbotta lill-Pulizija l-ohra b'dahru hekk. Prova jimbotta liz-zewg ufficjali li kienu mieghu li kienu PS 1207 u PC 446 pero' peress li kienu fil-genb tieghu, hu sab il-vojt u waqa' mal-art ghal dahru. Meta marru l-istess ufficjali biex iqajjmu lil Clive Parnis, hu beda jxejjer saqajh u laqat lil PC 446 go wiccu. Imbaghad gew assistiti wkoll mill-Pulizija li kien hemm duty l-lock-up fejn qajjmuh u nizzluh isfel"* (*a fol.* 36). Jghid li huwa sofra daqqa go spalltu u li sa jumejn wara ma kellu xejn. Jghid li mar il-*Health Centre*. Jghid li Dok. "BMF 3" (*a fol.* 14) gie rilaxxat fil-konfront tieghu.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 81 *et seq.*), jghid li x'hin wasal fuq il-post, fuq barra tal-hanut kien hemm il-Pulizija. Jghid li l-imputat beda jghid kliem vulgari. Jixhed: *"kellu jdejh ponnijiet u beda jxejjirhom fid-direzzjoni tal-Pulizija li kienu quddiemu"* (*a fol.* 82). Jghid li ra l-ponnijiet tal-imputat maqghudin. Jghid li f'hin minnhom, meta kienu ghadhom fil-hanut, l-imputat lilu laqtu fi spalltu. Jghid: *"Jien kont kwazi l-ahhar Pulizija, jigifieri meta laqqat id-daqqa kien ga hatfu PC 446 minn wara u x'hin avvicinajtu kien ghadu jxejjer u laqatni"* (*a fol.* 83).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011, xehed ukoll **PC 52 Emanuel Agius** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 mar flimkien mal-iSpettur Bernard Spiteri u PS 157 Brian Mifsud sabiex jassistu lill-kollegi taghhom. Jghid li f'hin minnhom ra lill-imputat hiereg irrabbjat fid-direzzjoni tal-Pulizija b'idejh bil-ponn ixejjer u beda jheddidhom. Jghid li l-imputat beda jghid hafna kliem pero' semghu jghid: *"Inpatthielkom"* (*a fol.* 40). Jghid li semgha wkoll xi dagha.

Jixhed: *"Hin minnhom nara lil PC 446 imur minn wara s-sinjur biex forsi jzommlu idejh u beda jxejjer idejh bil-ponn u PS 1207 minn quddiem peress li ghandhom ufficcju fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut, mhux kbir, ma hemmx wisa' hafna, dak il-hin li PC 446 qed izommu, huma waqghu f'xulxin mal-art u kien hemm xi kaxxi tgerfxu go xulxin u spicca*

*mmanettjat hemm hekk u hrignieh barra fil-karozza u nizzilnieh il-lock-up"* (*a fol.* 40). Jghid li dakinhar stess fil-ghaxija, meta l-imputat gie mittiehed l-Ghassa sabiex tittiehidlu stqarrija, l-imputat skuza ruhu mieghu f'ismu u f'isem ommu.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehed **Dr. Carlo Refalo** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 irrilaxxa c-certifikat mediku (Dok. "RSS 1" – *a fol.* 32) fil-konfront ta' Clive Parnis. Jghid li kien ra lill-imputat l-Emergenza fejn l-imputat kellu daqqa go dahru u ttiehidlu *X-ray* fejn minnu ma rrizulta xejn. Jikkonferma li l-imputat sofra griehi ta' natura hafifa.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehed ukoll **eks PC 971 Patrick Pisani** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien xoghol gewwa l-*lock-up* tas-CID fejn ghall-habta tal-5.00pm numru ta' Pulizija fosthom l-iSpettur Bernard Spiteri hadu lill-imputat eskortat fejn kien hemm xi dizgwid bejn l-imputat u l-iskorti. Jghid: *"Jien rnexxieli nkellem individwu, poggejtu bil-qeghda fuq siggu u ghidtlu biex joqghod kwiet ghax kien irrabjat hafna u fi stat ta' panic u obda ghall-ordnijiet tieghi u qaghad kwiet u kellimtu u mbaghad ghaddejtu f'idejn il-custody officers tal-lock-up"* (*a fol.* 47-48). Jghid li meta ra lill-imputat diehel rah jirrezisti lill-Pulizija li kellu mieghu. Jghid: *"Nifakar kien immanettjat u beda jxejjer bi spalltu u b'rasu lura"* (*a fol.* 48).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehed ukoll **PC 880 Newel Pantalleresco** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tas-7 ta' Ottubru 2009 kien *duty* mis-7.00am sas-7.00pm fejn jghid li hin minnhom waqt li kien fil-kcina, sema' storbju u ghajjat. Jghid li sema lil xi hadd jghid li kien gie arrestat ghal xejn. Jghid li l-ghajjat kien gej mill-bitha tas-CID. Jispjega li hu kien boghod madwar tul u nofs tal-awla.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehed ukoll **PS 1557 Jeffrey Sacco** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 kienu hadu l-*lock-up* lil Rose Parnis u lit-tifel taghha. Jghid li t-tifel taghha ma giex irregistrat. Jghid li meta dawn iz-zewg minn nies ittiehdu l-*lock-up*, sema' hafna storbju fil-bitha: *"iktar tal-mama' tieghu milli tieghu"* (*a fol.* 56). Jghid: *"Bdiet tghid li qed isawwtu lit-tifel u toffendi*

*lill-Pulizija u kien hemm xi argumenti tal-Pulizija maghhom"* (*a fol.* 56). Jghid wara xi hin, dawn tnizzlu quddiemu. Jixhed: *"Iktar immu bdiet tghajjat maghna mal-Pulizija u toffendina. It-tifel poggewh bil-qeghda u kien ikkalma u lil ommu harguha barra"* (*a fol.* 57). Jispjega li jiftakar lil PC 971 magenb l-imputat jikkalmah. Mistoqsi jghid ghala beda jikkalmah, wiegeb: *"Ghax hu beda jkellem lil ommu barra u beda jghidilha aqtagha, pjuttost beda jikkalma lil ommu hu"* (*a fol.* 58). Ezebixxa kopja tad-*detainee book* li gie mmarkat bhala Dok. "JS" (*a fol.* 62 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011, xehed **PC 446 Joseph Mifsud** (*a fol.* 66) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tal-4.30pm, PS 147 qallu biex imorru ghax kellu mandat biex jezegwih.[1]

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011, xehdet ukoll **WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn qalet li fis-7 ta' Ottubru 2009 marret flimkien ma' ufficjali ohra tal-Pulizija sabiex jezegwixxu mandat fil-konfront ta' Rose Parnis fejn l-imsemmija Parnis ma riditx tmur maghhom tant li nghalqet fl-ufficcju taghha fil-hanut Rovic Ironmongery. Tghid li gie nfurmat l-iSpettur li wara xi hin mar fuq il-post, fejn omm l-imputat bdiet toffendihom u tghajjat li ma kienux ghamlu sew. Tispjega li mar binha li beda joffendi lill-Pulizija u jghajjat: *""X'intom taghmlu? U ser taghmlulha lil ommi""* (*a fol.* 70). Tghid li x'hin qalulu li kellhom mandat fil-konfront ta' ommu, l-imputat beda jidghi aktar u beda jitkellem mhux xieraq u li ma kienux ser jehduha u li ma kienux ser imissuha u li ma kienu ser jaghmlu xejn. Tghid li l-imputat beda jimbotta lill-Pulizija tant li mbotta lill-iSpettur fuq l-ixkaffa u beda jiftah idu u aktar ma bdew jippruvaw jikkalmawh, aktar irvilla. Tghid li minkejja li iben Rose Parnis gie nfurmat li kienu qed jaghmlu xogholhom, huwa ma riedx jaf u baqa' jghajjat biex ma jmissux lil ommu. Tghid li eventwalment l-imputat u ommu gew immanettjati biex jehduhom il-*lock-up* peress li ma riedux jikkooperaw maghhom. Tghid li l-imputat baqa' jimbotta u joffendihom u jitkellem hazin u vulgari. Tghid li dan kollu gara fil-hanut Rovic ta' San Gwann. Tghid li

[1] Mit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 66) jirrizulta li r-registrazzjoni tad-depozizzjoni tieghu waqfet hesrem.

wara li l-imputat gie mmanettjat gie mittiehed il-*lock-up* u hi baqghet ma' Rose Parnis.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014, xehed l-imputat **Clive Parnis** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn qal li fis-sena 2009 kellu sittax il-sena. Jghid li l-hanut in kwistjoni huwa tal-genituri tieghu li f'dak iz-zmien li sehh l-akkadut kienu qed jisseparaw, liema hanut eventwalment haditu ommu bil-Qorti. Jghid li hu kien imur jghin lil ommu l-hanut. Jiftakar li dakinhar tal-akkadut kien qed jistiva xi affarijiet l-hanut meta marru Pulizija biex jarrestaw lil ommu fuq mandat. Jghid li kienu marru jew Pulizija wiehed jew tnejn, pero' jghid li mhux cert. Jghid li gie nfurmat mill-Pulizija li riedu jarrestaw lil ommu peress li ma kienitx marret il-Qorti ghal xi kawza. Jghid li f'dawk iz-zminijiet ommu kienet ghaddejja bi proceduri gewwa l-Qorti u li hija dejjem marret il-Qorti. Jispjega li lill-Pulizija qalilhom li ma kienx hemm ghalfejn jiehdu lil ommu ghax kieku rceviet karta biex tmur il-Qorti hekk kienet ser taghmel. Jghid li wara xi hin marru xi hames jew sitt Pulizija li qabdu u dahlu wara l-*counter* tal-hanut u jghid li qabdu u fethu l-bieb gewwa l-ufficcju u gie wicc imb'wicc maghhom. Jghid li l-ufficcju huwa zghir u l-passagg huwa dejjaq u ma tantx hemm minn fejn tghaddi. Jghid li hemm hafna xkaffar. Jghid li l-iSpettur staqsieh x'kienet il-problema, *"u niftakar imbuttani […] imbuttani biex inwarrab u x'hin imbuttani biex inwarrab gew il-Pulizija l-ohra u qabdu jixhtuni ma' l-ixkaffar minn naha ghall-ohra tal-hanut, jigifieri spiccajt mal-art, ma' l-ixkaffar b'xi zewg Pulizija fuqi jistriehu mieghi jippruvaw jarrestawni"* (*a fol.* 109). Jghid li dak iz-zmien hu kien ehxen u kien jizen madwar 130 kilo. Jghid li gie mmanettjat u li ttiehed lejn id-*Depot* u li x'hin kien niezel it-tarag tad-*Depot "kienu ha jitfghuni go xi lock-up, go xi cella kien hemm wiehed minnhom imbuttani t-tarag"* (*a fol.* 109). Jghid li dan kien wiehed minn dawk il-Pulizija li hadu d-*Depot*. Jghid li lletika mal-Pulizija peress li kienu mbuttawh it-tarag u jghid li min ghalih kellu xi tbengil fuq idejh. Mistoqsi x'jista' jghid dwar ghajjat u kliem hazin, jghid: *"Jista' jkun"* (*a fol.* 110). Jghid: *"Jaf minn taghhom, jaf minn tieghi, llum ghadda z-zmien"* (*a fol.* 110). Jghid li, jekk mhux sejjer zball, irrizulta li l-mandat li kien inhareg fil-konfront ta' ommu kien wiehed null. Mitlub jikkumenta rigward il-fatt li jinsab akkuzat li ghamel rezistenza bi vjolenza u li hebb kontra l-Pulizija, wiegeb:

*"Jekk nahseb xi hadd isawtek jew jimbuttak u jkun rough mieghek, nahseb l-istess ha taghmel inti. Issa jiena ma nafx ghax jien uman bhal haddiehor"* (*a fol.* 111). Jichad li huwa attakka, li ghamel rezistenza, li kien vjolenti jew li hebb.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li, jekk mhux sejjer zball, kien il-1207 li kien imbuttah it-tarag. Mistoqsi jghid jekk hux veru li waqt li kienu ghadhom San Gwann beda jimbotta lill-Pulizija biex ma jarrestawx lil ommu, wiegeb: *"Peress li l-hanut dejjaq jekk huma mbuttawni, spiccajt nimbuttahom lura peress li l-passagg huwa dejjaq, ma tkunx tista' ticcaqlaq gol-post fejn konna"* (*a fol.* 111). Ma jafx jekk hux minnu li ommu ghalqet il-bieb u ma fethitx l-ufficcju. Jichad li ghamel xi grif lill-Pulizija li kienu skorta mieghu. Jichad li sema' lil ommu tinsulenta lill-Pulizija. Ma jiftakarx li beda jghajjat fit-triq u li anke beda jidghi. Mitlub jikkumenta fuq il-fatt li l-Pulizija sofrew griehi minn tieghu x'hin kienu nezlin bih il-*lock-up*, wiegeb: *"Fi x'hin imbuttawni nahseb jien ippruvajt inzomm ma' xi hadd forsi ma' niehux tisbita"* (*a fol.* 112). Jghid li ma jafx ghala hu gie arrestat. Jichad li pprova jtellef lill-Pulizija milli jarrestaw lil ommu. Jghid li ghalih ma rrezistix l-arrest. Jghid: *"huma uzaw il-forza mieghi forsi jien uzajt il-forza maghhom, that's it bazikament"* (*a fol.* 113).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, xehdet **Rose Parnis** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat huwa binha. Tghid li dak iz-zmien tal-akkadut mertu tal-proceduri odjerni kienet tinsab ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn mar-ragel taghha. Tghid li kienu ghaddejjin minn zmien difficli hafna u li r-ragel taghha kien marid l-iSptar. Tghid li l-hanut in kwistjoni kien waqa' f'idejha. Tghid li dak iz-zmien binha l-imputat kien ghad kellu sittax il-sena. Tixhed li fil-hanut kien hemm hi u t-tfal jghinuha u li l-gurnata ta' qabel l-akkadut kienet ghadha kemm harget mill-iSptar peress li kienet taghtha puplesija f'qalbha minhabba l-inkwiet li kien hemm. Tghid li dakinhar tal-akkadut, fil-hanut kienu hi, binha l-imputat, bintha Glorianne u l-lavrant. Tghid li waqt li hi u t-tifla kienu fl-ufficcju fil-hanut, madwar tliet jew erba' Pulizija baqghu dehlin fil-hanut, ghaddew il-*counter* u ghaddew minn kuritur u baqghu dehlin fl-ufficcju. Tghid li rat dan mill-*cameras*. Tispjega li hadet qata' peress li r-ragel taghha sikwiet kien ikollu xi problema. Tghid li dak iz-

zmien kien ikollhom hafna kawzi l-Qorti peress li zewgha kien jattakkha u jerfa' idejh fuqha, u kien jidhol u johdielha l-flus mill-*cash register*. Tghid li ppanikjat x'hin rat il-Pulizija. Tispjega li l-Pulizija qalulha biex tmur maghhom l-Ghassa ta' San Giljan u meta staqsiethom ghala, qalulha li ma kienux jafu ghala. Staqsiethom ghall-mandat ta' arrest. Tixhed: *"Qaluli li huma, wara hafna qaluli li arrestata ghax domt nistaqsihom ghaliex ser ninzel l-Ghassa. Peress li kont ghadni kemm hierga mill-iSptar ma xtaqtx aktar inkwiet. Ma kontx niflah, ma kontx f'sikti, kont fil-hanut minhabba l-inkwiet li kelli u t-tfal kellhom bzonni ghax ma kienux jafu d-dettalji. Irqaqt, min jigi jixtri, min ihallas, min ma jhallasx, lil min irid inhallas, min gej bix-xoghol, min bix-xoghol nieqes. Problemi tal-hanut. Hafna problemi. U jien biss kont qeghda niehu hsiebu l-hanut. Imbaghad wara hafna qaluli li m'ghandhomx mandat"* (*a fol.* 130).

Tghid li l-Pulizija ma kellhomx karti x'juru u wara li qaltilhom li riedet tkellem lill-avukat taghha, qalulha li ma setghetx tkellmu. Tghid li baqghet tinsisti li riedet tkellem lill-avukat taghha u li ma kienitx ser ticcaqlaq minn hemm u li wara hafna kkonvincithom biex tkellem lill-avukat u rnexxielha tkellmu u l-avukat taghha Dr. William Cuschieri cempel lis-Supretendent Sharon Tanti. Tghid li l-ufficjali tal-Pulizija ma kienux jafu ghala riedu jarrestawha. Tghid li minkejja li nghad li hija kienet naqset milli tattendi l-Qorti, irrizulta li ma kellhiex Qorti u li kien hemm xi dati hziena.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2016, xehdet **Glorianne Parnis** (*a fol.* 136 *et seq.*) fejn spjegat li l-imputat huwa huha. Tispjega li dakinhar tal-akkadut kienet xoghol fil-hanut f'San Gwann, f'liema zmien il-hanut kien f'idejn missierha pero' missierha kien jinsab l-iSptar Monte Carmeli minhabba diversi incidenti li kien hemm ma' ommha peress li l-genituri taghha kienu ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni. Tispjega li ommha bdiet tiehu hsieb il-hanut u ghal hafna zmien kienet residenti gewwa *home* go Santa Venera peress li ma setghux jghixu gewwa d-dar. Tixhed li bejn il-genituri taghha kien hemm diversi rapporti u li dakinhar tal-akkadut, f'hin minnhom, dahlu xi Pulizija u qalulha li riedu jkellmu lil ommha u minkejja li qaltilhom li kienet ser tghid lil ommha li kien hemm il-Pulizija, dawn baqghu dehlin xorta wahda minn wara l-bank.

Tghid li l-Pulizija qalu lil ommha li kienu marru biex jarrestawha u meta ommha staqsiethom ghala, ghall-ewwel ma tawhiex risposta u f'hin minnhom xi hadd mill-Pulizija qalilha li ghax ma kienitx marret il-Qorti u b'hekk kien inhareg mandat ta' arrest. Tghid li ommha qalet lill-Pulizija li dejjem telghet il-Qorti tant li kienet izomm djarju bir-riferti u meta hi (Glorianne) talbet biex jaghtuha l-mandat ta' arrest, qalulha li ma kellhiex xi tridu. Tghid li bhala Pulizija kien hemm erbgha. Tispjega li ommha cemplet lil Dr. William Cuschieri u kellmitu u li Dr. Cuschieri cempel lis-Supretendent Sharon Tanti. Tghid li f'daqqa wahda tfaccaw tliet Pulizija ohra fil-kamra z-zghira, f'liema hin ommha bdiet tippanikja ghax bdiet tinkwieta ghax ma qatt ma kienet arrestata, u bdiet *hyper ventilating*, u bdiet tibki u tolfoq. Tghid li lil ommha ma hallewhiex tmur it-*toilet* u li *"meta irnexxielha timbotta minn gol-Pulizija dawk il-Pulizija biex tmur it-toilet, ippruvaw ikissru l-bieb"* (*a fol.* 139). Tghid li ommha bdiet tinkwieta ghax kienet ser thalli lilha u lil huha wahidhom u li ma kienitx ser tkun prezenti fil-hanut. Tghid: *"Bdejna nippruvaw nghidulhom biex johorgu u malli Clive qalilhom "Ohorgu wahda 'l barra kemm tikkalma", qabduh minn sidru, mill-flokk minn sidru, gibduh 'l barra, bdew isabbtuh mal-ixkafef kemm felhu, hemmhekk xkafef tal-hadid, tal-injam, affarijiet tal-injam ikun fihom, affarijiet tal-hadid jigifieri hafna affarijiet kbar li setghu qatluh. Bdew isabbtuh"* (*a fol.* 139). Tghid li dak iz-zmien huha kellu sittax-il sena u kien ohxon. Tghid: *"Seba' Pulizija kulhadd isabbat lil hija mal-ixkafef sa mbaghad meta ddecidew tefghu jigifieri ahna jkollna anke l-kaxxi mal-ixkaffar ikun hemm anke l-kaxxi bl-affarijiet mal-art, jigifieri tefghu litteralment fuq il-kaxxi. Il-mummy bdiet tippanikja iktar ovvjament meta rathom iwegghu lil binha ppruvat twaqqafhom u waddbu lilha mal-art, lanqas indenjaw ruhhom jigifieri jigbruha, ghaddew minn fuq, jigifieri jekk gisimha kien mal-art, ghaddew minn fuqha"* (*a fol.* 140). Tispjega li eventwalment irrizulta li kien hemm zball fir-riferta u li ommha ma rcevithiex kif suppost. Tghid li ttiehdu proceduri kontra taghha (Glorianne) u hi giet liberata. Ezebiet zewg CD's li gew immarkati bhala Dok. "GP 1" (*a fol.* 145) u Dok. "GP 2" (*a fol.* 146). Ezebiet ukoll tmien ritratti li gew immarkati bhala Dok. "GP 3" sa Dok. "GP 10" (*a fol.* 147). Tghid li dawn ir-ritratti hadithom hi. Tghid li ritratti Dok. "GP 3" u Dok. "GP 10" juru l-gerha li kellu huha fuq

dahru meta gabritu mid-*Depot* u li ritratti Dok. "GP 4" u Dok. "GP 9" juru l-griehi li kellha ommha fuq idejha waqt li kienet l-iSptar.

In kontro-ezami mistoqsija tghid tiftakarx li f'hin minnhom ommha qabdet *spray* u kienet ser tisprejja go ghajn il-Pulizija, wiegbet fin-negattiv. Tghid li l-proceduri fil-konfront ta' ommha gew fi tmiemhom u mistoqsija x'wehlet tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija tghid jekk hargitx liberata jew wehlitx xi haga, wiegbet: *"Onestament ma nafx ezatt kif. Ezatt ma niftakarx mhux ha nghid illi"* (*a fol.* 144).

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li dakinhar tas-7 ta' Ottubru 2009 numru ta' Pulizija marru biex jezegwixxu mandat ta' arrest fil-konfront ta' omm l-imputat bil-konsegwenza li nqala' diverbju kemm fil-hanut fejn kien ser jigi ezegwit il-mandat u kif ukoll wara meta l-imputat u ommu ttiehdu lejn id-*Depot*. Jirrizulta li apparti l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat ittiehdu wkoll proceduri kriminali ohra kemm kontra omm l-imputat Rose Parnis u kif ukoll kontra ohtu Glorianne Parnis. Fil-proceduri kriminali odjerni, il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'numru ta' imputazzjonijiet li skond hi l-imputat ghandu jigi misjub hati taghhom. Da parte taghha, id-difiza ssostni li l-imputat m'ghandux jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u dana ghar-ragunijiet indikati minnha fin-Nota ta' Sottomissjoni taghha (*a fol.* 283 *et seq.*).

Illi bhala parentezi l-Qorti tinnota li gie mismugh illi l-mandat ta' arrest mahrug fil-konfront ta' omm l-imputat irrizulta li ma kienx wiehed validu u l-Qorti semghet ukoll li f'dak iz-zmien meta sehh l-akkadut mertu tal-proceduri odjerni, omm l-imputat u zewgha kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni bejniethom li minn dak li jirrizulta mill-atti processwali jirrizulta li kienu litiguzi sew.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the*

*least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Attakk jew Reżistenza)</u>**
**<u>(Inġurji jew Theddid kontra Uffiċjali Pubbliċi)</u>**:

Illi Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse o no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha

qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-Artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat. Fir-rigward ta' dak li gara fil-hanut u ta' dak li gara fil-*lock-up*, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Spettur Bernard Charles Spiteri xehed li l-imputat beda jimbuttah minn spalltu biex iressqu lura b'konsegwenza ta' liema l-imputat gie arrestat. Jghid li l-imputat qal kliem fis-

sens: *""halluha, tarrestawhiex ghax trid tkompli tahdem hawn hekk fil-hanut""* (*a fol.* 76). Jghid li omm l-imputat bdiet tirrifjuta li tmur maghhom u li l-imputat kien ecitat u *"beda jimbotta lili u jekk mhux sejjer zball lis-Surgent ukoll. Imma lili beda jimbuttani zgur u dak il-hin arrestajnieh"* (*a fol.* 77).

- PS 1207 Robert Said Sarreo jghid li l-imputat qalilhom li ma kienux ser jarrestaw lil ommu u beda jkellimhom hazin. Jghid li fil-hanut l-imputat beda jimbotta lilu u lill-iSpettur Spiteri u beda jghidilhom biex jitilqu l-barra u li meta marru biex jarrestawh, l-imputat irrezista l-arrest, beda jxejjer idejh u beda jimbotta lill-Pulizija. Jixhed li sakemm kienu sejrin bl-imputat il-*lock-up* id-*Depot*, l-imputat beda jghajjarhom u joffendihom u jheddidhom. Jghid li hekk kif waslu l-*lock-up* u nstemghet omm l-imputat tghajjat fil-vettura l-ohra, l-imputat rega' beda jirrezisti l-arrest tant li jghid li biex dahhluh fil-*lock-up* kellhom jissaraw mieghu.

- WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa spjegat kif omm l-imputat inghalqet fl-ufficcju taghha u li x'hin marru Pulizija ohra jassistuhom fil-hanut, l-imputat beda joffendi lill-Pulizija u beda jghid kliem mhux xieraq (fosthom dagha) fejn tghid li qal ukoll li ma kienux ser jiehdu lill-ommu maghhom u li ma kienux ser imissuha. Iddeskriviet ukoll li l-imputat beda jimbotta lill-Pulizija u tispecifika li l-imputat mbotta lill-iSpettur fuq l-ixkaffa u beda jiftah idu u aktar ma bdew jippruvaw jikkalmawh, aktar irvilla.

- PS 157 Brian Mifsud jixhed li hekk kif waslu l-hanut, l-imputat beda jimbotta lill-iSpettur ghal fuq l-ixkafef u beda jxejjer il-ponnijiet fid-direzzjonijiet taghhom. Jghid li l-imputat beda jinsulentahom u jheddidhom u li eventwalment irnexxielhom jimmanettjawh. Spjega li l-imputat beda jghidilhom li kien ser ipattiehilhom u ser iqattaghhom. Jikkonferma dak li qal PS 1207 Robert Said Sarreo li l-imputat beda jirrifjuta li jidhol fil-*lock-up* u li l-atteggjament tieghu tbiddel hekk kif waslet il-vettura b'ommu f'liema hin ommu bdiet tinstema' tghajjat. Fil-kontro-ezami tieghu, PS 157 Brian Mifsud jiddeskrivi li l-

imputat: *"kellu jdejh ponnijiet u beda jxejjirhom fid-direzzjoni tal-Pulizija li kienu quddiemu"* (*a fol.* 82).

- PC 52 Emanuel Agius spjega li meta kien il-hanut ra lill-imputat hiereg irrabbjat fid-direzzjoni tal-Pulizija b'idejh bil-ponn ixejjer u jheddidhom.

- Eks PC 971 Patrick Pisani spjega li meta kien fil-*lock-up* tad-*Depot* ra lill-imputat jirrezisti lill-Pulizija li kellu mieghu u jiddeskrivi: *"Nifakar kien immanettjat u beda jxejjer bi spalltu u b'rasu lura"* (*a fol.* 48). Jiftakar ukoll li l-imputat kien irrabjat hafna u fi stat ta' paniku.

- PS 1557 Jeffrey Sacco spjega li hekk kif l-imputat u ommu ttiehdu l-*lock-up*, sema' hafna storbju fil-bitha: *"iktar tal-mama' tieghu milli tieghu"* (*a fol.* 56).

- L-imputat Clive Parnis spjega li lill-Pulizija qalilhom li ma kienx hemm ghalfejn jiehdu lil ommu maghhom ghax kieku rceviet karta biex tmur il-Qorti hekk kienet ser taghmel. Jispjega li l-Pulizija qabdu u dahlu wara l-*counter* tal-hanut u li hu safa' gie mbuttat mill-Pulizija. Jghid ukoll li gie mbuttat it-tarag tad-*Depot*. Mistoqsi dwar ghajjat u kliem hazin, wiegeb: *"Jista' jkun. […] Jaf minn taghhom, jaf minn tieghi, llum ghadda z-zmien"* (*a fol.* 110). Meta gie mitlub jikkumenta rigward il-fatt li jinsab akkuzat li ghamel rezistenza bi vjolenza u li hebb kontra l-Pulizija, wiegeb: *"Jekk nahseb xi hadd isawtek jew jimbuttak u jkun rough mieghek, nahseb l-istess ha taghmel inti. Issa jiena ma nafx ghax jien uman bhal haddiehor"* (*a fol.* 111). Jichad li huwa attakka, li ghamel rezistenza, li kien vjolenti jew li hebb.

- Fid-depozizzjoni taghha, Rose Parnis qalet li meta rat dawk il-Pulizija fil-hanut hija hadet qata' u tghid ghala. Tghid li l-ufficjali tal-Pulizija ma kienux jafu ghala riedu jarrestawha.

- Glorianne Parnis xehdet li minkejja li qalet lill-Pulizija li kienet ser tghid lil ommha li huma kienu hemm, dawn baqghu dehlin xorta wahda minn wara l-bank. Tispjega li meta tfaccaw aktar

> Pulizija fil-kamra z-zghira fejn kien hemm ommha, ommha bdiet tippanikja. Tixhed li hekk kif huha l-imputat qal lill-Pulizija biex johorgu l-barra, il-Pulizija qabdu lill-huha mill-flokk minn sidru u bdew isabbtuh mal-ixkafef kemm felhu.

Illi l-Qorti rat u ezaminat l-atti processwali kollha, inkluz iz-zewg CD's u r-ritratti ezebiti minn Glorianne Parnis (Dok. "GP 1" sa "GP 10" – *a fol.* 145 *et seq.*). Il-Qorti setghet tinnota, fost l-ohrajn, il-passagg dejjaq li hemm fil-hanut u l-ixkaffar li hemm fuq kull naha.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat kien f'certu mumenti selettiv fir-risposti tieghu meta kien qed jigi mistoqsi domandi in kontro-ezami. Ghal certu domandi in kontro-ezami, wiegeb li ma kienx jaf jew li ma jiftakarx. Il-Qorti ghandha d-dubji taghha dwar dawn ir-risposti tieghu tenut kont tal-fatt li meta l-imputat xehed in ezami kien pjuttost car u dirett. Il-Qorti ma tqiesx lanqas bhala veritjier dak li nghad mill-imputat meta xehed li l-iSpettur Spiteri staqsieh x'kienet il-problema, *"u niftakar imbuttani"* (*a fol.* 109). Apparti minn dan, l-imputat innifsu jghid li dakinhar tal-akkadut kien ehxen tant li jghid li kien jizen 130 kilo u b'hekk il-Qorti ssibha ferm difficili temmnu meta jghid li: *"qabdu jixhtuni ma' l-ixkaffar minn naha ghall-ohra tal-hanut"* (*a fol.* 109). Ghall-istess raguni, il-Qorti ma tqis lanqas bhala kredibbli lill-imputat meta qal li gie mbuttat it-tarag tal-*lock-up*. Il-Qorti tasal biex temmen li l-imputat waqa' u li sofra gerha ta' natura hafifa kif jirrizulta minn Dok. "RSS 1" (*a fol.* 32) li gie konfermat minn Dr. Carlo Refalo pero' ma temminx li l-imputat waqa' ghar-raguni li qal hu!

Illi l-Qorti ma temminx lanqas lil Glorianne Parnis (oht l-imputat) meta in kontro-ezami qalet li ma tafx l-ezitu dwar il-proceduri kriminali fil-konfront ta' ommha li tikkonferma li gew fi tmiemhom, meta hija stess kienet taf id-dettalji kollha dwar dak li riedet tixhed fuqu u li l-Qorti tista' tqies li wiegbet wara li Glorianne Parnis setghet qieset li dawn ir-risposti taghha setghu kienu a beneficcju ta' huha l-imputat! Il-Qorti tinnota li fil-kawza kontra ommha (*a fol.* 231 *et seq.* u *a fol.* 241 *et seq.*), Glorianne Parnis xehdet fuq l-istess linji li xehdet fuqhom quddiem il-Qorti kif preseduta (pero' b'anqas emozzjoni u bi ftit anqas dettalji).

Illi l-Qorti tinnota li tibbaza l-gudizzju taghha fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali fl-assiem taghhom. Minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta fl-atti processwali u dak li gie kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqalghha l-ebda dubju li d-depozizzjonijiet tal-ufficjali tal-Pulizija ghandhom jitwemmnu. Il-Qorti ma taqbilx ma' dak li nghad fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet in ezami fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 283 *et seq.*). Ghaldaqstant, isegwi li l-Qorti jirrizultalha li l-elementi li jsawru z-zewg reati msemmija f'Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfacentement pruvati.

Illi minn dak li nghad hawn fuq jirrizulta bl-aktar mod car li l-imputat kiser Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk ser tinstab htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Griehi ta' Natura Hafifa)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna feriti ta' natura hafifa fil-konfront ta' PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud u PC 446 Joseph Mifsud.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tibda billi taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi l-Qorti tinnota li f'dawn il-proceduri xehed Dr. Brian Flores Martin fejn filwaqt li kkonferma li kien ezamina lill-ufficjali tal-Pulizija Joseph Mifsud, Robert Said Sarreo u Brian Mifsud fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, qal ukoll li rrizulta li dawn il-persuni sofrew griehi ta' natura hafifa. Huwa ezebixxa tliet (3) certifikati (Dok. "BFM 1" sa Dok. "BMF 3" (*a fol.* 14 *et seq.*) li gew rilaxxati fil-konfront tal-persuni msemmija. Minkejja dan, il-Qorti ghandha s-segwenti x'tinnota:

- Minkejja li PC 446 Joseph Mifsud beda jixhed fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 66), mit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu jirrizulta li r-registrazzjoni tad-depozizzjoni tieghu waqfet hesrem u b'hekk l-atti processwali ma jikkontjenux id-depozizzjoni tieghu. PC 446 Joseph Mifsud ma giex mitlub jerga' jixhed. Minkejja dak li nghad minn Dr. Brian Flores Martin u ufficjali ohra fir-rigward ta' PC 446 Joseph Mifsud, il-Qorti bl-ebda mod ma tista' ssib lill-imputat hati talli kkaguna

feriti ta' natura hafifa fil-konfront ta' PC 446 Joseph Mifsud ladarba d-depozizzjoni tax-xhud mhijiex wahda kompluta.

- Fir-rigward ta' PS 1207 Robert Said Sarreo, il-Qorti tinnota li minkejja li fid-depozizzjoni tieghu PS 1207 Robert Said Sarreo jghid hafna affarijiet, imkien ma jghid li l-imputat ikkagunalu xi griehi ta' natura hafifa. Anzi, meta gie mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi hadd minnhom li wegga', wiegeb: *"Iva kien hemm min wegga' imma mhux bid-daqqiet, ghax qala' xi daqqa ta' ponn, bl-istruggle"* (*a fol.* 25). Ma jghid xejn fil-konfront tieghu stess.

- Minkejja li PS 157 Brian Mifsud jghid li sofra daqqa go spalltu u li sa jumejn wara ma kellu xejn u minkejja li huwa jikkonferma li c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "BMF 3" (*a fol.* 14) gie rilaxxat fil-konfront tieghu, liema certifikat gie konfermat minn Dr. Brian Flores Martin kif imsemmi aktar il-fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex ezatt f'liema mument PS 157 Brian Mifsud sofra griehi ta' natura hafifa u anqas minn min. Minhabba t-tgegwigija li kien hemm fil-hanut, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li kien l-imputat li kkaguna dawn il-feriti.

Ghaldaqstant, isegwi li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfactentment pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur tal-Paci Pubblika b'Ghajjat u Glied)</u>:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil** deciza fit-23 ta' Gunju 1994, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-eghmil. [...D]an ir-reat javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah *"a breach of the peace"* ".

Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata u dana *stante* li l-akkadut ma sarx fil-pubbliku izda sar fi proprjeta' privata ta' Rose Parnis, cioé fil-hanut, u kif ukoll fil-*lock-up*. Ma jirrizultax anqas li bl-agir u bl-atteggjament litigjuz tal-imputat, kien hemm l-element ta' minaccja ghas-sigurezza individwali u ma jirrizultax anqas li nholoq certu biza' u preokuppazzjoni f'terzi. Ghaldaqstant, l-imputat mhux ser jinstab hati tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Nuqqas ta' Obbidjenza ta' Ordnijiet Legittimi)</u>:**

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li nghad mill-ufficjali tal-Pulizija li xehdu u kif ukoll dak li gie kkunsidrat fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat ma jibqghalha l-ebda dubju li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Kliem Oxxen fil-Pubbliku)</u>:**

Illi apparti l-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax ezattament x'kien il-

kliem oxxen li nghad mill-imputat u ghaldaqstant ma tistax tinsab htija fl-imputat taht din l-imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tieni (2), u l-hames (5) imputazzjoni.

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet *per se* fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li apparti l-fatt li ufficjali tal-Pulizija qeghdin hemm ghas-sigurta' tac-cittadin u sabiex izommu l-ordni u li ghandu jintwera rispett lejhom, il-Qorti ma tistax ma tikkondividiex ma' dak sottomess mid-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha meta qalet: *"Huwa veru li l-ufficjali tal-Pulizija ma ghandhomx jigu ntralcjati fl-ezekuzzjoni ta' xogholhom izda jekk kemm-il darba huma jghidu li marru sabiex jezegwixxu mandat ta' arrest, huma ghandhom ikunu muniti b'tali mandat u jaghtu kopja tieghu lill-persuna li kellha allegatament tigi arrestata"* (*a fol.* 287).

Illi l-Qorti tinnota li l-akkadut mertu tal-proceduri odjerni setgha gie evitat: kemm da parte tar-rwol li kellha l-Pulizija u kif ukoll da parte tal-imputat li ra lill-ommu f'dak l-istat li kienet fih tenut kont ta' dak li kienet ghaddejja minnu l-familja Parnis f'dak il-perjodu. B'kelma tajba l-akkadut setgha jigi evitat pero' sfortunatament dan ma kienx il-kaz. Il-Qorti qeghda taghmilha cara li bl-ebda mod ma hija qed tiggustifika l-azzjonijiet tal-imputat. In fatti, l-imputat ser jigi misjub hati ta' dawk l-imputazzjonijiet li nghad hawn fuq.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat u, apparti dak li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- il-fedina penali kompletament nadifa tal-imputat (*a fol.* 4);

- il-fatt li meta l-imputat ikkommetta l-imputazzjonijiet li gew pruvati huwa kellu sittax (16)-il sena u b'hekk ghandu jkun hemm tnaqqis fil-piena;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet jirrisalu ghas-sena 2009 meta l-pieni fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat kienu ghadhom ma gewx emendati liema pieni kienu anqas severi milli huma llum.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat u anqas ghadna timponi perjodu sospiz ta' prigunerija. Ma jirrizultax li l-imputat ghandu bzonn xi ghajnuna partikolari ghax kieku l-Qorti ser kienet propensa li tapplika Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenzi serji f'kaz li l-imputat jikkommetti reat iehor tul il-perjodu ta' liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat Artikoli 95, 96(a) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Clive Parnis hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tipprovdi ghas-sigurta' tal-ufficjali tal-

Pulizija nvoluti f'dan il-kaz kif mitlub fic-*charge sheet* u b'hekk il-Qorti tichad tali talba.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**